PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0384/2013

14.11.2013

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)
(COM(2013)0509 – C7-0229/2013 – 2013/0238(COD))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Charles Goerens



Magħquda fid-diversità

### *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### *Emendi għal abbozz ta' att*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa **grassa**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: **[...]**.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .......... 5

NOTA SPJEGATTIVA ........................................................................................................ 26

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI ..................................................................................................................... 28

PROĊEDURA ........................................................................................................................ 38

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)**

**(COM(2013)0509– C7-0229/2013 – 2013/0238(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013) 0509),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), l-Artikolu 209 u l-Artikolu 210(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0229/2013),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0384/2013),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Taqsima**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea ***għall-Iżvilupp*** (2015) | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikkonsisti ***fil-promozzjoni tal-iżvilupp*** tal-bniedem u l-progress tal-bnedmin fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, inkluża d-dimensjoni kulturali[8]. | (1) Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikkonsisti ***fl-appoġġ għall-eliminazzjoni tal-faqar, l-iżvilupp*** tal-bniedem u l-progress tal-bnedmin fid-dimensjonijiet kollha tagħhom, inkluża d-dimensjoni kulturali[8]. |
| ____________ | ____________ |
| [8]Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar *Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE* (2012/2002/INI). | [8]Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar *Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE* (2012/2002/INI). |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-ġlieda kontra l-faqar globali mhijiex biss obbligu morali. Se tgħin ukoll biex tibni dinja aktar stabbli, paċifika, b'aktar ġid u ġusta, li tirrifletti l-interdipendenza bejn pajjiżi aktar sinjuri u dawk aktar foqra.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) It-Trattat ta' Lisbona integra fis-sod il-politika għall-iżvilupp fl-azzjoni esterna ***tal-UE*** b'appoġġ għall-interess li għandha ***l-UE*** f'dinja stabbli u b'aktar ġid. Il-politika għall-iżvilupp tgħin ukoll biex jiġu | (3) It-Trattat ta' Lisbona integra fis-sod il-politika għall-iżvilupp fl-azzjoni esterna ***tal-Unjoni*** b'appoġġ għall-interess li għandha ***l-Unjoni*** f'dinja stabbli u b'aktar ġid ***u aktar ġusta***. Il-politika għall-iżvilupp |

indirizzati sfidi globali oħrajn u tikkontribwixxi għall-Istrateġija UE-2020. tgħin ukoll biex jiġu indirizzati sfidi globali oħrajn u tikkontribwixxi għall-Istrateġija UE-2020.

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) ***L-UE*** ilha fuq quddiem fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' koerenza fil-politika għall-iżvilupp, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sinerġiji bejn politiki mhux ta' għajnuna u l-għanijiet ta' żvilupp. | (4) ***L-Unjoni*** ilha fuq quddiem fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-kunċett ta' koerenza fil-politika għall-iżvilupp, li għandha l-għan li ssaħħaħ is-sinerġiji ***u tnaqqas il-kontradizzjonijiet*** bejn politiki mhux ta' għajnuna u l-għanijiet ta' żvilupp***, sabiex tiżgura li l-politiki tal-Unjoni jappoġġjaw il-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jew għall-inqas ma jmorrux kontra l-għan tal-eliminazzjoni tal-faqar.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) ***Il-ġlieda kontra l-faqar tibqa'*** l-għan ewlieni tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. | (5) ***It-tnaqqis tal-faqar jibqa'*** l-għan ewlieni tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fl-2000, il-komunità internazzjonali ntrabtet li tieħu passi konkreti sal-2015 fil-ġlieda kontra l-faqar, bl-adozzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, objettivi li ġew aċċettati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. | (6) Fl-2000, il-komunità internazzjonali ntrabtet li tieħu passi konkreti sal-2015 fil-ġlieda kontra l-faqar, bl-adozzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, objettivi ***u impenji*** li ġew aċċettati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, miftiehem b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri[8a], jibqa' l-bażi l-aktar komprensiva għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp tal-Unjoni, jistabbilixxi objettivi komuni u prinċipji għall-kooperazzjoni tal-iżvilupp u jenfasizza l-impenn tal-Unjoni favur il-qerda tal-faqar u l-prinċipji ta' sjieda, sħubija, effikaċja u koerenza tal-politika għall-iżvilupp, kif ukoll l-impenn biex jiżdiedu l-ammont u l-effikaċja tal-għajnuna għall-iżvilupp.*** |
| | ***[8a] Dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill Ewropew, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar il-Politika għall-Iżvilupp tal-Unjoni Ewropea: 'Il-Kunsens Ewropew' (ĠU C 46, 24.2.2006, p. 1).*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Sena Ewropea ***għall-Iżvilupp*** fl-2015 tipprovdi opportunità f'waqtha biex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku inġenerali dwar l-orjentazzjoni attwali tal-politika Ewropea tal-iżvilupp. Hija meħtieġa l-informazzjoni dwar kif Ewropa li tħares 'il barra tista' tgħin biex tiżgura sostenibbiltà globali. Dan jinkludi t-tqajjim tal-għarfien dwar l-interdipendenza globali u li jintwera li l-iżvilupp huwa aktar minn sempliċiment għajnuna. | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Ta' importanza essenzjali għall-impatt pożittiv tal-azzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp hija sa liema livell hija tgawdi minn appoġġ popolari u politiku wiesa'. Is-Sena Ewropea għandha, għalhekk, isservi ta' katalist biex titqajjem kuxjenza, biex tinħoloq enerġija dinamika u għall-iskambju tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, ***l-imsieħba*** soċjali u l-entitajiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet involuti fi kwistjonijiet tal-iżvilupp. Hija għandha tgħin biex tiġi ffukata l-attenzjoni politika u biex jiġi mmobilizzat kull min hu kkonċernat sabiex jiġu promossi azzjonijiet u inizjattivi ulterjuri kemm f'livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, flimkien mal-benefiċjarji tal-għajnuna għall-iżvilupp u r-rappreżentanti tagħhom. | (13) Ta' importanza essenzjali għall-impatt pożittiv tal-azzjoni tal-Unjoni għall-iżvilupp hija sa liema livell hija tgawdi minn appoġġ popolari u politiku wiesa'. Is-Sena Ewropea ***għall-Iżvilupp*** għandha, għalhekk, isservi ta' katalist biex titqajjem kuxjenza ***permezz ta' dibattitu pubbliku politiku,*** biex tinħoloq enerġija dinamika u għall-iskambju tal-aħjar prassi bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili, ***inklużi l-organizzazzjonijiet lokali minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, is-sħab*** soċjali***, t-trejdjunjins*** u l-entitajiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet involuti fi kwistjonijiet tal-iżvilupp. Hija għandha tgħin biex tiġi ffukata l-attenzjoni politika u biex jiġi mmobilizzat kull min hu kkonċernat sabiex jiġu promossi azzjonijiet u inizjattivi ulterjuri kemm f'livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak tal-Istati Membri, |

flimkien mal-benefiċjarji tal-għajnuna għall-iżvilupp u r-rappreżentanti tagħhom.

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp għandha tqajjem kuxjenza dwar kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess li jiffaċċjaw in-nisa u t-tfajliet f'bosta reġjuni, partikolarment f'termini ta' aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u s-sistemi ta' kura tas-saħħa kif ukoll iż-żwieġ furzat, l-isfruttament sesswali u l-mutilazzjoni ġenitali u prattiki ħżiena oħra.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fit-23 ta' Ottubru 2012[12], fir-riżoluzzjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tiddikjara s-sena 2015 bħala s-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, u esprima t-tama tiegħu li dan jista' jgħolli l-profil tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp. | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |
| [12]Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar *Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE* (2012/2002/INI). | [12]Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar *Aġenda għall-Bidla: il-Futur tal-politika tal-iżvilupp tal-UE* (2012/2002/INI). |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Il-koordinazzjoni effiċjenti bejn l-imsieħba kollha li jikkontribwixxu fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali hija prerekwiżit fundamentali għal Sena Ewropea effettiva. ***L-imsieħba*** lokali u reġjonali għandhom rwol partikolari fil-promozzjoni tal-politika għall-iżvilupp ***tal-UE***. | (16) Il-koordinazzjoni effiċjenti bejn l-imsieħba kollha li jikkontribwixxu fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali hija prerekwiżit fundamentali għal Sena Ewropea ***għall-Iżvilupp*** effettiva. ***Is-sħab*** lokali u reġjonali***, l-ewwel u qabel kollox – minħabba l-qrubija ġeografika tagħhom mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw – dawk mir-reġjuni ultraperiferiċi u mill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej, f'dan il-każ*** għandhom rwol partikolari fil-promozzjoni tal-politika għall-iżvilupp ***tal-Unjoni***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Punt interessanti huwa li t-territorji extra-Ewropej – kemm ir-reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll il-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej – għandhom rwol partikolari fil-promozzjoni tal-politika għall-iżvilupp, għax dawn ir-reġjuni u t-territorji huma ġirien diretti tal-pajjiżi AKP.*

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Sabiex l-attivitajiet maħsuba għas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp ikunu kemm jista' jkun effettivi u effiċjenti, huwa importanti li titwettaq sensiela ta' azzjonijiet preparatorji fl-2013 u l-2014. | (21) Sabiex l-attivitajiet maħsuba għas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp ikunu kemm jista' jkun effettivi u effiċjenti, huwa importanti li titwettaq sensiela ta' azzjonijiet preparatorji fl-2013 u l-2014***, li jestendu għal-livelli kollha tal-poter***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Ir-responsabbiltà primarja biex jitqajjem l-għarfien taċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' żvilupp tinsab f'idejn l-Istati Membri. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tikkumplimenta u tissupplimenta l-azzjonijiet nazzjonali f'dan ir-rigward, kif enfasizzat fid-dikjarazzjoni politika Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija, iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni[15]. | (23) Ir-responsabbiltà primarja biex jitqajjem l-għarfien taċ-ċittadini fi kwistjonijiet ta' żvilupp tinsab f'idejn l-Istati Membri ***u, b'estensjoni, f'idejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali***. L-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tikkumplimenta u tissupplimenta l-azzjonijiet fil-livell nazzjonali***, reġjonali u lokali***, kif enfasizzat fid-dikjarazzjoni politika Nikkomunikaw l-Ewropa fi Sħubija, iffirmata fit-22 ta' Ottubru 2008 mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni[15]. |
| ___________________ | ___________________ |
| 15 ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3. | 15 ĠU C 13, 20.1.2009, p. 3. |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Peress li**,** minħabba l-ħtieġa ta' sħubiji multilaterali, ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid ta' prassi tajba madwar l-Unjoni kollha***, l-għanijiet tas-Sena Ewropea tal-Iżvilupp ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u*** jistgħu ***għalhekk,*** minħabba l-iskala tas-Sena Ewropea ***tal-Iżvilupp***, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx ***lilhinn*** minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. | (24) Peress li ***l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri*** minħabba l-ħtieġa ta' sħubiji multilaterali, ta' skambju transnazzjonali ta' informazzjoni u tas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid ta' prassi tajba madwar l-Unjoni kollha, ***iżda*** jistgħu ***pjuttost***, minħabba l-iskala tas-Sena Ewropea ***għall-Iżvilupp*** jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-deċiżjoni ma tmurx ***lil hinn*** minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-2015 tiġi ddikjarata bħala "Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea"). | L-2015 tiġi ddikjarata bħala "Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp" (minn hawn 'il quddiem "Is-Sena Ewropea"). ***Il-motto tas-Sena Ewropea għandu jkun "Dinjità għal Kulħadd".*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 - inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| - li jiġu infurmati ċ-ċittadini ***tal-UE*** dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp ***tal-UE,*** b'enfasi fuq dak li l-Unjoni ***Ewropea*** tista' ***diġà*** tikseb bħala l-ikbar donatur tal-għajnuna fid-dinja ***u kif tista' tagħmel aktar permezz tas-saħħa magħquda tal-Istati Membri tagħha u l-istituzzjonijiet tagħha.*** | – li jiġu infurmati ċ-ċittadini ***tal-Unjoni*** dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ***partikolarment dawk li jgħixu fl-Istati Membri mingħajr tradizzjoni twila f'dak il-qasam***, b'enfasi fuq dak li l-Unjoni tista' tikseb bħala l-ikbar donatur tal-għajnuna fid-dinja ***u biex tqajjem kuxjenza dwar il-valur miżjud potenzjali ta' sforz konġunt tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, inklużi l-pajjiżi u territorji extra-Ewropej;*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 - inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li ***tistimula l-interess attiv taċ-ċittadini Ewropej fil-kooperazzjoni*** għall-iżvilupp ***u li trawwem sens ta' responsabbiltà u opportunità fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika; kif ukoll*** | – li ***tinvolvi liċ-ċittadini Ewropej fil-kwistjonijiet ta' kooperazzjoni*** għall-iżvilupp, ***tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika u tinvolvihom bis-sħiħ fid-diskussjoni politika dwar l-iżvilupp*** |

| | |
|---|---|
| | ***globali;*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li tiżgura, partikolarment, il-parteċipazzjoni ta' ċittadini żgħażagħ;*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – inċiż 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar is-sehem tagħhom fl-iżvilupp globali u dwar possibbiltajiet li jikkontribwixxu għal żvilupp globali aktar ġust u li l-iżvilupp isir parti integrali mill-programmi ta' edukazzjoni nazzjonali;*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li jitrawwem sens ta' responsabbiltà konġunta u solidarjetà fost l-Ewropej u n-nies f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 2d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li jiġi appoġġjat u ffaċilitat id-djalogu ma' sħab fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar l-aġenda tal-iżvilupp globali wara l-2015;*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 2e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li titqajjem kuxjenza u jitrawwem dibattitu dwar l-impatt li deċiżjonijiet u għażliet individwali, lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej jista' jkollhom fuq l-iżvilupp globali u fuq nies li jgħixu f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, sabiex jintlaħaq fehim usa' tal-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp;*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – li jitqajjem għarfien dwar ir-rwol tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ***tal-UE***, li twassal għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji mhux biss għar-riċevituri iżda wkoll għaċ-ċittadini ***tal-UE***, f'dinja li dejjem qed tinbidel u ssir dejjem aktar interdipendenti. | – li jitqajjem għarfien dwar ir-rwol tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ***tal-Unjoni***, li twassal għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji mhux biss għar-riċevituri iżda wkoll għaċ-ċittadini ***tal-Unjoni***, f'dinja li dejjem qed tinbidel u ssir dejjem aktar interdipendenti***, fejn l-ekwità u l-ġustizzja jitqiesu bħala l-valuri ewlenin li jappoġġaw il-kooperazzjoni għall-iżvilupp;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp tirrappreżenta opportunità biex issir bidla fil-mod li bih iċ-ċittadini tal-UE jħarsu lejn kwistjonijiet ta' żvilupp, li m'għandhomx jibqgħu bbażati fuq il-karità, imma fuq responsabbiltà komuni miċ-ċittadini kollha. L-atturi kollha mill-qasam soċjali (il-konsumaturi, il-kumpaniji, l-awtoritajiet pubbliċi) għandhom japplikaw dan fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, biex jinkiseb appoġġ wiesa' għall-politiki Ewropej għall-iżvilupp u jikber is-sens ta' ċittadinanza Ewropea.*

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– li tingħata s-setgħa liċ-ċittadini tal-Unjoni biex jagħmlu deċiżjonijiet infurmati dwar ix-xiri li jikkontribwixxu direttament għall-għanijiet tas-Sena Ewropea.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li mhux iċ-ċittadini tal-UE kollha jivvutaw jew huma attivi fil-politika, kollha huma konsumaturi. Sabiex jinkisbu riżultati dejjiema, is-Sena għandha timmira li tinvolvi b'mod attiv liċ-ċittadini kollha tal-UE fil-politiki għall-iżvilupp, billi tgħarrafhom dwar ir-rwol li jista' jkollhom ta' kuljum fl-iżvilupp globali permezz tax-xiri tagħhom.*

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-miżuri meħuda sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ***jistgħu*** jinkludu l-inizjattivi li ġejjin li jiġu organizzati fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali, kif ***dettaljat*** fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni: | 1. Il-miżuri meħuda sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ***għandhom*** jinkludu l-inizjattivi li ġejjin**,** li ***jistgħu*** jiġu organizzati fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali, ***fi ħdan l-Unjoni, fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej assoċjati u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw,*** kif ***stipulat*** fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni: |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ċċarat li l-inizjattivi jistgħu jitwettqu kemm fl-UE kif ukoll fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.*

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – kampanji ta' komunikazzjoni biex jinxterdu l-messaġġi ewlenin immirati lejn il-pubbliku ġenerali u lejn udjenzi aktar speċifiċi, inkluż permezz tal-midja soċjali; | – kampanji ta' komunikazzjoni biex jinxterdu l-messaġġi ewlenin immirati lejn il-pubbliku ġenerali u lejn udjenzi aktar speċifiċi, ***b'mezzi pedagoġiċi adegwati partikolarment fis-settur tal-edukazzjoni,*** inkluż permezz tal-midja soċjali; |

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-organizzazzjoni ta' konferenzi, avvenimenti u inizjattivi mal-partijiet interessati rilevanti kollha, illi tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva u d-dibattitu, u biex titqajjem kuxjenza fil-livell ***Ewropew***; | – l-organizzazzjoni ta' konferenzi, avvenimenti u inizjattivi mal-partijiet interessati rilevanti kollha ***u permezz tagħhom***, biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva u d-dibattitu***, biex jiġu ffaċilitati u mħeġġa l-programmi għall-iżvilupp lil hinn mill-2015,*** u biex titqajjem kuxjenza fil-livell ***tal-Unjoni***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – it-twettiq ta' ***studji u*** stħarriġ u t-tixrid | – it-twettiq ta' stħarriġ u t-tixrid tar-riżultati |

| | |
|---|---|
| tar-riżultati tagħhom. | tagħhom. |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – inċiż 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– websajt li għandu jinħoloq b'mod konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u li għandu jippreżenta l-proġetti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Istati Membri kollha sabiex jippermetti li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jkunu aġġornati dwar l-għanijiet, il-prestazzjoni u s-suċċess tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni tista' tidentifika attivitajiet oħrajn li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea u jistgħu jippermettu li l-isem tas-Sena Ewropea ***jintuża*** fil-promozzjoni ta' dawk l-attivitajiet sakemm dawn ikunu jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2. | 2. Il-Kummissjoni tista' tidentifika attivitajiet oħrajn li jikkontribwixxu għall-għanijiet tas-Sena Ewropea u tista' tippermetti li l-isem tas-Sena Ewropea ***u l-motto 'Ħajja b'Dinjità għal Kulħadd' jintużaw*** fil-promozzjoni ta' dawk l-attivitajiet sakemm dawn ikunu jikkontribwixxu biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2. |

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-koordinaturi nazzjonali, f'koordinazzjoni mill-qrib mal- | 2. Il-koordinaturi nazzjonali għandhom, f'koordinazzjoni mill-qrib mal- |

| | |
|---|---|
| Kummissjoni, jikkonsultaw u jikkooperaw ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati relevanti, inklużi s-soċjetà ċivili, ***l-imsieħba soċjali,*** il-parlamenti nazzjonali u, fejn xieraq, l-aġenziji nazzjonali jew punti ta' kuntatt għall-progammi relevanti tal-Unjoni. | Kummissjoni, jikkonsultaw u jikkooperaw ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati relevanti, inklużi s-soċjetà ċivili, il-parlamenti nazzjonali, ***l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, it-trejdjunjins, is-settur privat*** u, fejn xieraq, l-aġenziji nazzjonali jew punti ta' kuntatt għall-progammi relevanti tal-Unjoni. |

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sal-1 ta' Ġunju 2014, l-Istati Membri huma mistiedna jibagħtu lill-Kummissjoni l-programm ta' ħidma propost tagħhom, li għandu jippreżenta d-dettalji dwar l-attivitajiet nazzjonali ippjanati għas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, skont l-objettivi elenkati fl-Artikolu 2 u d-dettalji tal-miżuri stipulati fl-Anness. | *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.* |

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 5 - inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – l-Istati Membri; | – l-Istati Membri***, inklużi l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej assoċjati***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jiġi ċċarat li pajjiżi u territorji extra-Ewropej jistgħu jieħdu sehem fl-*attivitajiet *relatati mas-Sena Ewropa għall-Iżvilupp. Fil-fatt, minħabba l-qrubija tagħhom mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma jikkwalifikaw b'mod partikolarment tajjebi kwalifikati biżżejjed biex jagħmlu dan.*

**Emenda 36**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex tikkoordina l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea u biex isir skambju tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni fil-livell ***tal-UE*** u dak nazzjonali. | 3. Il-Kummissjoni torganizza laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali biex tikkoordina l-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea u biex isir skambju tat-tagħrif dwar l-implimentazzjoni fil-livell ***tal-Unjoni*** u dak nazzjonali. ***Il-Kummissjoni tista' tistieden rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kif ukoll Membri tal-Parlament Ewropew biex jattendu għal dawk il-laqgħat bħala osservaturi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Biex jiżdied l-impatt tal-attivitajiet li se jsiru, il-laqgħat tal-koordinaturi nazzjonali għandhom jinfetħu biex jinkludu rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll Membri tal-Parlament Ewropew.*

**Emenda 37**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-inizjattivi kollha ta' politika matul l-2015 jilħqu l-istandards tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp kif stabbilit fit-Trattat ta' Lisbona.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni tagħmel ***it-tema tas-Sena*** Ewropea prijorità fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni ***tar-Rappreżentazi*** tagħha fl-Istati Membri u ***d-delegazzjonijiet*** tal-Unjoni ***Ewropea*** f'pajjiżi ***sħab***. ***Bl-istess mod, netwerks ewlenin rilevanti fil-livell tal-Unjoni li jirċievu appoġġ mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-ispejjeż tal-operat tagħhom jistabbilixxu t-tema tas-Sena Ewropea bħala prijorità fl-aġenda tagħhom.*** | 5. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ***is-Sena*** Ewropea prijorità fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni ***tar-Rappreżentanzi*** tagħha fl-Istati Membri u ***d-Delegazzjonijiet*** tal-Unjoni f'pajjiżi ***msieħba***. ***Id-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom jappoġġjaw sħab fl-iżvilupp f'pajjiżi terzi bl-għan li jipparteċipaw f'attivitajiet relatati mas-Sena Ewropea, kemm jekk dawk l-attivitajiet isiru fl-Unjoni u kemm jekk isiru fil-pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Netwerks rilevanti fil-livell tal-Unjoni li jirċievu appoġġ mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-ispejjeż tal-operat tagħhom għandhom jagħtu prijorità lis-Sena Ewropea fl-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħhom matul l-2015 u jenfasizzaw il-motto tagħha.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 6 – paragrafu 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u d-Delegazzjonijiet tal-UE għandhom jagħmlu s-Sena Ewropea parti integrali mid-djalogu tagħhom ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u jsaħħu l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***viżibilità tal-Unjoni bħala attur għall-paċi, l-iżvilupp, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni tista' tagħti kofinanzjar lil kull korp nazzjonali ta' koordinazzjoni skont il-proċedura stabbilita fil-Parti C tal-Anness. | 3. Il-Kummissjoni tista' tagħti kofinanzjar lil kull korp nazzjonali ta' koordinazzjoni skont il-proċedura stabbilita fil-Parti C tal-Anness***, fejn il-prijorità għandha tingħata lil dawk l-Istati Membri li aktar riċentament saru donaturi tal-għajnuna għall-iżvilupp jew fejn l-apprezzament u l-għarfien tal-isfidi tal-iżvilupp fost il-popolazzjoni huwa partikolarment baxx***. |

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sal-31 ta' Diċembru 2016***, il-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni. | ***Sal-31 ta' Lulju 2016***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tal-inizjattivi previsti f'din id-Deċiżjoni ***sabiex tipprepara azzjoni ta' segwitu xierqa***. |

**Emenda 43**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Annex — paragraph 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea se tkun iffokata fuq kampanja wiesgħa ta' informazzjoni mifruxa mal-Unjoni, u kkumplimentata minn azzjoni meħuda mill-Istati Membri. L-azzjonijiet kemm tal-Unjoni kif ukoll nazzjonali ***jistgħu*** jinvolvu ***s-soċjetà*** ċivili, ***l-imsieħba*** soċjali u l-partijiet interessati l-oħra bil-għan li jinħoloq sens ta' sjieda fost l-atturi ewlenin. | L-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea se tkun iffokata fuq kampanja wiesgħa ta' informazzjoni mifruxa mal-Unjoni, u kkumplimentata minn azzjoni meħuda mill-Istati Membri. L-azzjonijiet kemm tal-Unjoni kif ukoll nazzjonali ***se jinvolvu l-partijiet interessati tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp bħas-soċjetà*** ċivili, ***l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, is-sħab*** soċjali, ***it-trejdjunjins, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, il-parlamenti, l-aġenziji għall-iżvilupp bilaterali*** u l-partijiet interessati l-oħra bil-għan li jinħoloq sens ta' sjieda fost l-atturi ewlenin. |

**Emenda 44**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – punt A – inċiż 1 – subinċiż 4**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| - l-istabbiliment ta' websajt b'informazzjoni fuq Europa (http://europa.eu/index_mt.htm) ***ddedikata*** għall-azzjoni li tkun qed tittieħed fil-kuntest tas-Sena Ewropea. | l-istabbiliment ta' websajt ***miftuħa u interattiva*** b'informazzjoni fuq Europa (http://europa.eu/index_en.htm) ***u ta' mezzi ta' komunikazzjoni oħra bbażati fuq l-internet (bħal midja soċjali) ddedikati*** għall-azzjoni li tkun qed tittieħed fil-kuntest tas-Sena Ewropea***;*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – punt A – inċiż 1 – subinċiż 4a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***- premju għal kunċetti ta' komunikazzjoni innovattivi u ta' suċċess u kampanji li*** |

***jgħinu, jew li għenu, biex iqajmu kuxjenza u jrawmu riflessjoni dwar kwistjonijet ta' żvilupp b'modi mhux tas-soltu jew oriġinali, b'mod partikolari dawk imfassla biex jilħqu udjenzi ta' mira li qabel ftit li xejn kienu esposti għal kwistjonijiet ta' żvilupp globali.***

**Emenda 46**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Avvenimenti ta' profil għoli fuq skala Ewropea li għandhom l-għan li jqajjmu kuxjenza dwar l-objettivi tas-Sena Ewropea, ***possibbilment organizzati f'kooperazzjoni mal-Istati*** Membri li jkollhom il-Presidenza tal-Kunsill matul l-2015, jistgħu jirċievu għotja mill-Unjoni li ma taqbiżx it-80 % tal-kosti finali tal-attivitajiet. | Avvenimenti ta' profil għoli fuq skala Ewropea li għandhom l-għan li jqajjmu kuxjenza dwar l-objettivi tas-Sena Ewropea, ***proposti minn netwerks internazzjonali u pjattaformi ta' organizzazzjonijiet tal-iżvilupp mhux governattivi jew minn Stati*** Membri li jkollhom il-Presidenza tal-Kunsill matul l-2015, jistgħu jirċievu għotja mill-Unjoni li ma taqbiżx it-80 % tal-kosti finali tal-attivitajiet. |

## NOTA SPJEGATTIVA

L-inizjattiva leġiżlattiva li dwarha jittratta dan ir-rapport hija r-riżultat ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni li fiha pparteċipaw ir-rappreżentanti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat tar-Reġjuni, tal-Concord u tal-Parlament Ewropew. Laqgħa ta' diskussjoni organizzata f'dan ir-rigward fil-qafas tal-Jiem Ewropej tal-Iżvilupp tal-2012 kienet l-okkażjoni biex l-idea tinqasamma' pubbliku usa'. Fl-aħħarnett, fid-dibattitu tiegħu dwar ir-rapport dwar l-Aġenda għall-Bidla, il-Parlament Ewropew adotta emenda li tistieden lill-Kummissjoni tiddikjara l-2015 is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp. It-test leġiżlattiv propost huwa għaldaqstant ir-riżultat ta' ħafna xogħol siewi ta’ sensibilizzazzjoni.

Ir-rapporteur jistenna li mobilizzazzjoni ġenerali tal-atturi kollha involuti fl-iżvilupp issir parti minn moviment vast ta’ sensibilizzazzjoni tal-opinjoni pubblika Ewropea dwar il-ħidma esterna tal-Unjoni Ewropea fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-Parlament Ewropew huwa konxju mill-fatt li dibattitu dwar il-faqar fil-bqija tad-dinja ma jistax sempliċiment jinjora l-fatt li hemm aktar minn mitt miljun persuna fqira li jgħixu fl-Unjoni Ewropea stess. Fl-ebda każ ma nistgħu ninjoraw il-foqra fil-pajjiżi tagħna stess jew noħoloqu oppożizzjoni bejnhom u l-foqra f’partijiet oħra tad-dinja. Wara kollox, il-valuri fundamentali Ewropej huma ankrati biżżejjed kemm fid-dispożizzjonijiet dwar iċ-ċittadinanza kif ukoll f'dawk li jiggvernaw l-azzjoni esterna tal-Unjoni.

Il-fatt li wieħed jgħix ħames mitt kilometru 'l bogħod mill-Unjoni Ewropea mhijiex raġuni biex dan ikun imċaħħad mid-dritt għad-dinjità umana. Is-sena 2015 se tkun opportunità tajba biex tfakkar li dan id-dritt mhuwiex assoċjat mal-post ta' residenza tal-persuna u lanqas mal-ġid tagħha, iżda li n-natura irreduċibbli tad-dinjità umana hija l-prinċipju ta' bażi tal-politika Ewropea kollha. Għal din ir-raġuni, 'Dinjità għal kulħadd' jista' jkun il-motto tal-kampanja tal-2015.

Dan ma jnaqqas bl-ebda mod il-ħtieġa li nindirizzaw l-isfidi prinċipali tal-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp li huma: l-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju, l-aġenda “post-2015”, il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, ir-rwol tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-ħidma ta' atturi mhux statali, partikolarment tal-NGOs, il-koordinazzjoni tal-azzjoni tat-28 Stat Membru f'dan il-qasam u l-effetti pożittivi tal-programmi ta' żvilupp fuq il-pajjiżi donaturi.

Bl-għan li jippromwovu l-aċċettazzjoni mill-opinjoni pubblika tal-politika tal-għajnuna għall-iżvilupp, uħud mill-atturi politiċi għandhom tendenza li, fid-diskors tagħhom, jenfasizzaw l-effetti pożittivi ta’ din il-politika fuq il-pajjiżi donaturi. Filwaqt li m'hemm l-ebda dubju li l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tipproduċi benefiċċji fit-tul kemm għad-donaturi kif ukoll għal min jirċeviha, irridu noqogħdu attenti li ma naqgħux fin-nassa ta’ approċċ esklussivament utilitarju li jkollu l-effett li jneħħi n-nobbiltà u l-universalità intrinsiċi tal-iżvilupp.

L-2015 se jkun test għall-aċċettazzjoni tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni Ewropea. Se jeħtieġ li noħorġu fid-dieher kemm il-kisbiet kif ukoll l-orjentazzjonijiet il-ġodda ta' din il-politika. Se jkun jeħtieġ li l-bosta organizzazzjonijiet attivi fil-qasam tal-iżvilupp jingħataw

opportunità biex jippreżentaw xogħolhom, jiffamiljarizzaw lill-opinjoni pubblika mal-prinċipji bażiċi tal-kooperazzjoni internazzjonali u jgħinuna niskopru sħabna tan-Nofsinhar.

Il-baġit modest previst għall-kampanja tal-2015 irid jintnefaq b'mod għaqli sabiex dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom l-aktar bżonnu, partikolarment l-NGOs u l-movimenti taż-żgħażagħ, jibbenefikaw minnu.

24.10.2013

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar il-proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015)
(COM(2013)0509 – C7-0229/2013 – 2013/0238(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Barbara Matera

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-Unjoni Ewropea ilha tipprovdi għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-1957 u hija l-akbar donatur tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp fid-dinja. | (2) L-Unjoni Ewropea ilha tipprovdi għajnuna għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp mill-1957 u hija l-akbar donatur tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp fid-dinja. ***L-azzjoni esterna tal-UE jeħtieġ li tkun viżibbli u ċara rigward ir-rwol tan-nisa u l-bniet f'pajjiżi terzi u rigward l-għoti ta' setgħa lilhom .*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) Il-konsensus Ewropew dwar l-iżvilupp jagħraf l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala għan bis-saħħa tiegħu nnifsu u jidentifikah bħala wieħed mill-ħames prinċipji essenzjali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) Meta wieħed iqis il-qafas leġiżlattiv tal-UE u l-fatt li s-Sena Ewropea għall-Iżvilupp 2015 tista' tiġġenera kuxjenza pubblika akbar u tiġbed l-attenzjoni fuq ir-rwol tal-UE fl-iżvilupp internazzjonali, id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandha titqies bis-serjetà.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) Il-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru, inklużi l-vjolenza domestika, il-prostituzzjoni, it-traffikar u l-mutilazzjoni ġenitali femminili, għadha tikkostitwixxi*** |

***fenomenu globali mifrux ħafna li għandu effetti negattivi serji fuq il-ħajja u s-saħħa tan-nisa u l-bniet, kif ukoll konsegwenzi soċjoekonomiċi sinifikanti. L-istupru u suriet oħra ta' vjolenza sesswali jiġu kommessi f'ħafna kuntesti u qed jiġu wkoll użati dejjem aktar bħala tattika tal-gwerra biex dak li jkun jumilja u jiddomina.***

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) L-impatt sproporzjonat tal-faqar fuq in-nisa u l-bniet huwa r-riżultat ta' diskriminazzjoni sistematika li tisfigura s-soċjetajiet u ċċaħħad lil miljuni ta' persuni mill-iktar drittijiet bażiċi tagħhom, inkluż l-aċċess tagħhom għall-ilma u s-sanitazzjoni adegwata, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa sodisfaċenti.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-ġlieda kontra l-faqar ***tibqa' l-għan ewlieni tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***. | (5) Il-ġlieda kontra l-faqar ***u kull sura ta' diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru għandha tkun l-objettiv ewlieni tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni Ewropea. L-allokazzjoni ta' għajnuna finanzjarja għall-iżvilupp għandha tkun soġġetta għar-rispett ta' dawn il-valuri universali.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-UE għandha tiżgura, permezz ta' kundizzjonalità tal-għajnuna għall-iżvilupp, li l-pajjiżi terzi jipproteġu lin-nisa u lill-bniet mit-tortura. Il-Kunsill għandu jissospendi l-għajnuna lill-pajjiżi li jwettqu t-tortura u jgħaddi l-għajnuna biex jiġu appoġġjati l-vittmi.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Fl-2000, il-komunità internazzjonali ntrabtet li tieħu passi konkreti sal-2015 fil-ġlieda kontra l-faqar, bl-adozzjoni tal-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millennju, objettivi li ġew aċċettati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. | (6) Fl-2000, il-komunità internazzjonali ntrabtet li tieħu passi konkreti sal-2015 fil-ġlieda kontra l-faqar, bl-adozzjoni tal-Għanijiet ta’ Żvilupp tal-Millennju, objettivi li ġew aċċettati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. ***Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa huma meqjusa bħala mezzi effikaċi fil-ġlieda kontra l-faqar, il-ġuħ u l-mard u biex jitħeġġeġ l-iżvilupp sostenibbli.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) L-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju*** |

| | |
|---|---|
| | ***talbu biex l-ebda individwu jew nazzjon ma jiġu mċaħħda mill-opportunità li jibbenefikaw mill-iżvilupp u, barra minn hekk, li jiġu żgurati d-drittijiet u l-opportunitajiet ugwali kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Huwa vitali appoġġ kontinwu fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'dinja li qed tinbidel malajr. Madwar 1.3 biljun ruħ għadhom jgħixu f'faqar ***esterm*** u l-ħtiġijiet ta' żvilupp uman ta' ħafna aktar għadhom mhux qed jiġu ***sodisfatti***. L-inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi żdiedu fil-biċċa l-kbira tad-dinja. L-ambjent naturali jinsab taħt pressjoni li dejjem tiżdied u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma affettwati b'mod partikularment qawwi mill-effetti tat-tibdil fil-klima. Dawn l-isfidi huma universali u marbutin ma' xulxin u jeħtieġ li jiġu indirizzati ***flimkien*** mill-pajjiżi kollha. | (8) Huwa vitali ***li jkun hemm*** appoġġ kontinwu fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp f'dinja li qed tinbidel malajr. Madwar 1.3 biljun ruħ għadhom jgħixu f'faqar ***estrem*** u l-ħtiġijiet ta' żvilupp uman ta' ħafna aktar għadhom mhux qed jiġu ***sodisfati***. L-inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi żdiedu fil-biċċa l-kbira tad-dinja. ***Fil-programmi ta' għajnuna għall-iżvilupp tal-UE għandu jitqies b'mod serju l-fatt li n-nisa u l-bniet huma iktar vulnerabbli għall-faqar, il-ġuħ, l-illitteriżmu, il-mard u kull tip ta' sfruttament***. L-inugwaljanzi fi ħdan il-pajjiżi żdiedu fil-biċċa l-kbira tad-dinja. L-ambjent naturali jinsab taħt pressjoni li dejjem ***qed*** tiżdied u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma affettwati b'mod partikularment qawwi mill-effetti tat-tibdil fil-klima. Dawn l-isfidi huma universali u marbutin ma' xulxin u jeħtieġ li jiġu indirizzati mill-pajjiżi kollha ***flimkien***. |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) L-2015 għandha tkun sena emblematika u kruċjali, peress li hija l-aħħar sena biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), li dwarhom kien hemm qbil kollettiv, u b'hekk teżisti opportunità unika biex jiġu evalwati l-impenji internazzjonali li ttieħdu sa mis-sena 2000. L-2015 se tkun ukoll is-sena li fiha għandha tittieħed deċiżjoni internazzjonali ewlenija dwar il-qafas għall-iżvilupp li se jieħu post il-qafas tal-MDG tul id-deċennji li ġejjin. | (11) L-2015 għandha tkun sena emblematika u kruċjali, peress li hija l-aħħar sena biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), li dwarhom kien hemm qbil kollettiv, u b'hekk teżisti opportunità unika biex jiġu evalwati l-impenji internazzjonali li ttieħdu sa mis-sena 2000***, inklużi l-impenji li fihom konċentrazzjoni qawwija fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa li huma essenzjali għall-ilħiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs)***. L-2015 se tkun ukoll is-sena li fiha għandha tittieħed deċiżjoni internazzjonali ewlenija dwar il-qafas għall-iżvilupp li se jieħu post il-qafas tal-MDG tul id-deċennji li ġejjin. |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a)*** |
| | ***Fil-perspettiva tat-twettiq tal-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp u fit-tfassil tal-qafas ta' wara l-2015 għall-iżvilupp, is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp għandha tiffoka b'mod prattiku fuq ir-rwol determinanti li jista' jkollhom in-nisa fl-iżvilupp, partikolarment biex tonqos l-insikurezza tal-ikel u nutrizzjonali, billi jippromwovu b'mod parallel il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-attivitajiet ekonomiċi, b'mod partikolari fl-agrikultura u l-ekonomija rurali.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a)*** |
| | ***Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp għandha tqajjem kuxjenza dwar kull sura ta' diskriminazzjoni li jiffaċċjaw in-nisa u t-tfajliet f'għadd ta' reġjuni, partikolarment f'dak li hu aċċess għall-edukazzjoni, l-impjiegi u s-sistemi ta' kura tas-saħħa kif ukoll dwar iż-żwieġ furzat, l-isfruttament sesswali u l-mutilazzjoni ġenitali u prattiki abbużivi oħra.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2007 dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Għoti tas-Setgħa lin-Nisa fil-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill talbu li jiġu promossi objettivi u indikaturi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jiġu assenjati kompiti u responsabilitajiet ċari biex id-donaturi jiġu ggwidati lejn dan il-għan fis-setturi kollha.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- li jiġi stimulat l-interess attiv taċ-ċittadini tal-UE u li jissaħħaħ ir-rwol li*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandha l-UE bħala ta' quddiem nett fil-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-iżvilupp, titqajjem kuxjenza u jiġu inkoraġġiti d-dibattitu dwar il-kooperazzjoni u l-kumbattiment tal-vjolenza kontra n-nisa, il-protezzjoni tan-nisa fil-konflitti armati u fi żminijiet ta' gwerra kif ukoll għall-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi tal-bini tal-paċi, ir-rikostruzzjoni ta' wara l-konflitti, il-għoti tas-setgħa lin-nisa permezz tas-sjieda tal-art, attivitajiet ekonomiċi fl-SMEs kif ukoll f'involviment politiku;*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-proġetti kollha tagħha għall-iżvilupp u ta' għajnuna jkunu effikaċi u mhux duplikati.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fejn xieraq, u bla ħsara għall-objettivi u l-baġit tagħhom, il-programmi eżistenti li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-iżvilupp jistgħu jsostnu s-Sena Ewropea. | 4. Fejn xieraq, u bla ħsara għall-objettivi u l-baġit tagħhom, il-programmi eżistenti li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-iżvilupp jistgħu jsostnu s-Sena Ewropea ***sakemm ma jkunx hemm duplikazzjoni***. |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015) |
| **Referenzi** | COM(2013)0509 – C7-0229/2013 – 2013/0238(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>10.9.2013 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM<br>10.9.2013 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Barbara Matera<br>10.9.2013 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.10.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 24<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Regina Bastos, Marije Cornelissen, Edite Estrela, Iratxe García Pérez, Zita Gurmai, Mikael Gustafsson, Mary Honeyball, Silvana Koch-Mehrin, Ulrike Lunacek, Elisabeth Morin-Chartier, Norica Nicolai, Antonyia Parvanova, Joanna Senyszyn, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Britta Thomsen, Inês Cristina Zuber |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Izaskun Bilbao Barandica, Minodora Cliveti, Rosa Estaràs Ferragut, Mariya Gabriel, Nicole Kiil-Nielsen, Christa Klaß, Antigoni Papadopoulou, Angelika Werthmann |

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp (2015) |
| **Referenzi** | COM(2013)0509 – C7-0229/2013 – 2013/0238(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 10.7.2013 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>10.9.2013 |
| **Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM<br>10.9.2013 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Charles Goerens<br>28.5.2013 |
| **Eżami fil-kumitat** | 16.9.2013 |
| **Data tal-adozzjoni** | 5.11.2013 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 23<br>–: 1<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Thijs Berman, Corina Creţu, Véronique De Keyser, Nirj Deva, Leonidas Donskis, Charles Goerens, Mikael Gustafsson, Eva Joly, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Bill Newton Dunn, Andreas Pitsillides, Jean Roatta, Birgit Schnieber-Jastram, Alf Svensson, Ivo Vajgl, Daniël van der Stoep, Anna Záborská, Iva Zanicchi |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Philippe Boulland, Eduard Kukan, Isabella Lövin, Judith Sargentini |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bogusław Sonik |
| **Data tat-tressiq** | 14.11.2013 |